



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-
UNJONI EWROPEA GĦALL-
AFFARIJET BARRANIN U L-
POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 8.3.2013
JOIN(2013) 2 final

2013/0079 (NLE)

Proposta Konġunta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri ristrettivi fid-dawl tas-
sitwazzjoni fis-Sirja**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

- (1) Fit-28 ta' Frar 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/109/PESK li temenda d-Deċiżjoni 2012/739/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja¹. Din emendat il-kamp ta' applikazzjoni tad-derogi għall-embargo tal-armi, u l-assistenza teknika relatata.
- (2) Il-projbizzjonijiet relatati mal-assistenza teknika huma implimentati fil-livell tal-Unjoni permezz tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012. Huwa neċessarju li r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 ikun emendat skont dan.
- (3) Hija meħtieġa aktar azzjoni mill-Unjoni sabiex jiġu implimentati dawn il-miżuri.

¹ ĠU L 28, 1.3.2013, p8

Proposta Konġunta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri ristrettivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Jannar 2012, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri ristrettivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja² sabiex jagħti effett għad-deċiżjoni tal-Kunsill 2011/782/PESK tal-1 ta' Diċembru 2011 dwar miżuri ristrettivi kontra s-Sirja³. Id-Deċiżjoni 2012/739/PESK ħassret u ħadet post id-Deċiżjoni 2011/782/PESK.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/109/PESK tat-28 ta' Frar 2013 li temenda d-Deċiżjoni 2012/739/PESK dwar miżuri ristrettivi kontra s-Sirja⁴ tinkludi derogi addizzjonali fir-rigward tal-forniment ta' assistenza teknika.
- (3) Dawk il-miżuri jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u għaldaqstant hija neċċessarja azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni sabiex ikunu implimentati, partikolarment bil-għan li tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi ta' tagħhom mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha.
- (4) Ir-Regolament (UE) Nru 36/2012 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 36/2012 huwa emendat kif ġej:

L-Artikolu 3(2) għandu jinbidel b'dan li ġej:

“B'deroga mill-paragrafu 1, il-projbizzjonijiet imsemmija fih ma għandhomx japplikaw għall-provvediment ta' għajjnuna teknika, l-iffinanzjar u l-għajjnuna finanzjarja marbuta ma’:

- għajjnuna teknika intiża biss bħala appoġġ għall-Forza tan-Nazzjonijiet Uniti Inkarigata mill-Osservanza tad-Diżimpenn (UNDOF);

² ĠU L 16, 19.1.2012, p. 1.

³ ĠU L 319, 2.12.2011, p 56.

⁴ ĠU L 58, 1.3.2013, p. 8.

- tagħmir militari mhux letali, jew ta' tagħmir li jista' jintuża għar-repressjoni interna, maħsub għal skopijiet umanitarji jew użu protettiv jew għall-protezzjoni taċ-ċivili, jew għall-programmi tan-NU u l-Unjoni għall-iżvilupp ta' istituzzjonijiet, jew għal operazzjonijiet tal-Unjoni jew tan-NU ta' ġestjoni ta' krizij, jew għall-Koalizzjoni Nazzjonali Sirjana għall-Forzi Rivoluzzjonari u tal-Oppożizzjoni intenzjonat għall-protezzjoni taċ-ċivili;
- vetturi mhux għall-kumbattiment li ġew manifatturati jew mgħammra b'materjali biex jipprovdu protezzjoni ballistika, maħsuba biss għall-użu protettiv ta' persunal tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha fis-Sirja, jew għall-Koalizzjoni Nazzjonali Sirjana għall-Forzi Rivoluzzjonari u tal-Oppożizzjoni intenzjonat għall-protezzjoni taċ-ċivili;
- assistenza teknika, servizzi ta' senserija u servizzi oħrajn għall-Koalizzjoni Nazzjonali Sirjana għall-Forzi Rivoluzzjonari u tal-Oppożizzjoni intenzjonata għall-protezzjoni taċ-ċivili,

sakemm tali forniment tkun ġiet qabelxejn approvata mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru, kif identifikata fil-websajts elenkati fl-Anness III.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika b'mod dirett fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*